**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**SUPERJURI**

**MAGISTRAT Dr Antonio Micallef Trigona LL.D. Mag. Jur (EU Law)**

**Seduta ta' l-14 ta' Novembru 2001**

Citazzjoni numru 223/98

Michael Curmi, Fortunata armla ta' Emanuel Curmi bhala mandatarja ta' l-imsefrin Margerita mart Salvu Muscat u Elizabeth mart Pawlu Curmi, Carmela mart Toni Camilleri, Sylvana mart Francesco Grima, Joseph Curmi, Michael Curmi, Anthony Curmi, Emanuel Curmi, Rita mart Alfred Hili, Rosina armla ta' Carmelo Cardona, Giuseppa armla ta' Lorenzo Curmi, George Curmi, Giuseppe Curmi, Carmelo Curmi, Margerita mart Carmelo Vella, Teresa sive Tessie mart Savio Spiteri, Carmela mart Emanuel Camilleri, Francesco Curmi, Salvu Curmi u Ludovigo Curmi

-vs-

Gioacchino sive Jack u Victorine konjugi Galea, Emanuel Bonnici f'ismu proprju u bhala mandatarju ta'ulied msefrin Francesca mart John Bonnici u Joyce mart Salvu Spiteri, Carmen mart Robert Muscat, Pinu Bonnici, Joe Bonnici, Doris mart Charlie Calleja, Phyllis mart Joe Sultana

Il-Qorti;

Rat  l-att tac-citazzjoni ta' l-atturi li ppremettew:

"illi b'sentenza ta' din il-Qorti tal-hdax (11) ta' Dicembru elf disa' mija u sebgha u disghin (1997) fil-kawza fl-ismijiet George Curmi et noe e vs Gioacchino sive Jack Galea et [Citazzjoni numru 204/94], il-Qorti cahdet it-talbiet attrici ghar-rivendika tan-nofs indiviz ta' zewg bicciet raba' maghrufa "Ta' Skerla" fil-kuntrada "Ta' Cenc", limiti Sannat, Ghawdex deskritti fl-imsemmija citazzjoni u cioe':

i. il-porzjon art indikata bl-ittra "A" fuq il-pjanta annessa mal-kuntratt tat-tmintax (18) ta' Ottubru 1982, atti Nutar Michael Refalo, tal-kejl ta' cirka tlieta u disghin punt decimali sebgha metri kwadri (93.7m.k.) jew kejl verjuri u konfinanti mit-tramuntana ma'  beni ta' Joseph Gauci, nofsinhar mal-porzjon indikata bl-ittra "B" ta' l-istess kejl, u lvant ma' passagg;

ii. il-porzjon art indikata bl-ittra "B" mill-istess raba' tal-kejl ukoll ta' cirka tlieta u disghin punt decimali sebgha metri kwadri (93.7m.k.) jew kejl verjuri u konfinanti mit-tramuntana mal-porzjon indikata bl-ittra "A" fuq il-pjanta annessa mal-kuntratt precitat, nofsinhar in parti ma' beni ta' l-eredi ta' Dato Muscat u in parti ma' beni ta' Michele Muscat u lvant ma' passagg;

u dan bill fil-fehma tal-Qorti, l-atturi ma rnexxielhomx jipprovaw sodisfacentement u fil-grad ta' certezza rikjesta mil-Ligi illi huma tassew kienu u ghadhom jippossjedu bi proprjeta' l-istess raba' fuq deskritt;

illi l-atturi jridu jattakkaw din is-sentenza billi din l-istess sentenza ittiehdet bil-qerq da parti tal-konvenuti bi hsara ghall-atturi kif ukoll billi s-sentenza moghtija mill-Qorti fil-11 ta' Dicembru 1997 kienet l-effett ta' zball li jirrizulta mill-istess atti u dokumenti tal-kawza u dan ai termini ta' l-Artikolu 811(a) u (l) tal-Kap 12;

illi l-art li l-awtur fit-titolu kemm ta' l-atturi kif ukoll tal-konvenuti u cioe' Pasquale Buttigieg kien akkwista bil-kuntratt ta' enfitewsi perpetwa tat-tnejn u ghoxrin ta' Marzu elf tmien mija u sebgha u disghin (1897), in atti Nutar Onorato Giovanni Refalo (esebit bhala dokument A mac-citazzjoni numru 204/94) hija separata u distinta mill-bicctejn art mertu tal-kawza attakkata u m'ghandha x'taqsam assolutament xejn maghhom u l-Qorti kienet indotta bil-qerq tal-konvenuti li kkonfondew il-bictejn art mertu tal-kawza ma' porzjon art ohra akbar li kienet giet akkwistata bil-kuntratt tat-22 ta' Marzu 1897 in

atti Nutar Onorato Giovanni Refalo minn Pasquale Buttigieg, u minhabba din il-konfuzjoni l-Qorti waslet biex interpretat b'mod zbaljat u skorrett l-istess kuntratt u inkorporat l-bictejn art mertu tal-kawza ma' porzjon art ohra li hija separata u distinta minnhom u li dawn il-bicctejn raba' qatt ma kienu jiffurmaw parti minnha, anzi jinsabu maqtughin kompletament minnha u li kienu gew akkwistati minn Pasquale Buttigieg b'kuntratt iehor separat minn dak tat-22 ta' Marzu 1897;

Talbu ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti:

1. thassar is-sentenza tal-11 ta' Dicembru 1997 u tordna r-ritrattazzjoni tal-kawza fl-ismijiet George Curmi et noe vs Gioacchino sive Jack Galea et [Citazzjoni numru 204/94] ghal ragunijiet fuq imsemmija u ghar-ragunijiet imsemmija fl-Artikolu 811 (a) u (l) tal-Kap 12.

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-kovnenuti ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa huma mharkin.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-atturi u l-lista tax-xhieda taghhom.

Rat l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuti Emanuel Bonnici proprio et nomine, Carmen Muscat, Pinu Bonnici, Joe Bonnici, Doris Calleja u Phyllis Sultana li eccepew:

1. illi preliminarjament illi huma ma humiex il-legittimi kuntraditturi ta' l-atturi billi kull jedd spettanti lilhom dwar l-art imsemmija fic-citazzjoni giet trasferita lil terzi permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Michael Refalo ta' l-erbgha (4) ta' Frar ta' l-elf disa' mija u tmienja u disghin (1998).

2. Illi jigi rilevat ukoll li l-atturi ma jistghux jipproponu din il-kawza qabel ma jhalsu l-ispejjez minnhom dovuti tal-kawza inizjali liema spejjez naqsu li jhalsu minkejja l-obbligu fuqhom impost.

3. Illi l-inqas huwa guridikament koncepibbli li l-atturi jitolbu r-ritrattazzjoni fil-kawza numru 204/1994 u fl-istess waqt hallew s-sentenza moghtija fl-istess jum fl-istess ismijiet fil-kawza numru 124/1992 li kienet tirrigwarda meritu kwazi identiku ghal dik numru 204/1994.

4. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess fil-mertu t-talbiet attrici huma improponibbli u ddekadew peress ili skada t-terminu ta' tliet xhur stabbilit bil-Ligi.

5. Illi inoltre dak kollu allegat fic-citazzjoni huwa infondata billi fil-proceduri msemmija kollox sar korrettement u skond il-Ligi u jekk l-atturi qeghdin jippretendu li sar xi pregudizzju a dannu taghhom dan kien interament dovut ghalihom infushom li ghat-tielet darba konsekuttiva

ipprocedew b'citazzjoni minghajr ebda bazi guridika kwalsiasi ghajr fantasiji dwar jeddijiet ta' proprjetajiet inezistenti.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuti Gioacchino sive Jack u Victoria konjugi Galea fl-istess termini fejn eccepew:

1. Illi preliminarjament illi huma ma humiex il-legittimi kuntradditturi ta' l-atturi billi kull jedd spettanti lilhom dwar l-art imsemmija fic-citazzjoni giet trasferita lil terzi permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Michael Refalo ta' l-erbgha (4) ta' Frar ta' l-elf disa' mija u tmienja u disghin (1998).

2. Illi jigi rilevat ukoll li l-atturi ma jistghux jipprponu din il-akwza qbael ma jhalsu l-ispejjez minnhom dovuti tal-kawza inizjali liema spejjez naqsu li jhalsu minkejja l-obbligu fuqhom impost.

3. Illi l-inqas huwa guridikament koncepibbli li l-atturi jitolbu r-ritrattazzjoni fil-kawza numru 204/1994 u fl-istess waqt hallew s-sentenza moghtija fl-istess jum fl-istess ismijiet fil-kawza numru 124/1992 li kienet tirrigwarda meritu kwazi identiku ghal dik numru 204/1994.

4. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess fil-mertu t-talbiet attrici huma improponibbli u ddekadew peress ili sakda t-terminu ta' tliet xhur stabbilit bil-Ligi.

5. Illi inoltre dak kollu allegat fic-citazzjoni huwa infondata billi fil-proceduri msemmija kollox sar korrettement u skond il-Ligi u jekk l-atturi qeghdin jippretendu li sar xi pregudizzju a dannu taghhom dan kien interament dovut ghalihom infushom li ghat-tielet darba konsekuttiva ipprocedew b'citazzjoni minghajr ebda bazi guridika kwalsiasi ghajr fantasiji dwar jeddijiet ta' proprjetajiet inezistenti.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-dikjarazzjoni rispettiva tal-konvenuti u l-lista tax-xhieda;

Rat is-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta tal-31 ta' Ottubru 2000 (folio 44) fuq l-ewwel eccezzjoni;

Rat li l-konvenuti kienu irtiraw it-tieni eccezzjoni kif jirrizulta mill-verbal tat-2 ta' Dicembru 1999 (folio 30);

Rat l-atti u dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi dina s-sentenza tirrigwarda u hija limitata ghat-tielet eccezzjoni tal-konvenuti fuq skorta ta’ verbal ta’ din il-Qorti datat l-1 ta’ Gunju 2001.

Din it-tielet eccezzjoni tistqarr:

“illi l-inqas huwa guridikament koncepibbli li l-atturi jitolbu r-ritrattazzjoni fil-kawza numru 204/1994 u fl-istess waqt hallew is-sentenza moghtija fl-istess jum fl-istess ismijiet fil-kawza numru 124/1992, li kienet tirrigwarda mertu kwazi identiku ghal dik numru 204/1994”.

Il-partijiet fuq talba taghhom u kif awtorizzati pprezentaw dwar din l-eccezzjoni noti ta’ osservazzjonijiet li l-Qorti ezaminat.

Il-konvenuti, kif jirrizulta min-nota ta’ osservazzjonijiet taghhom, ifissru din l-eccezzjoni taghhom fit-termini li “z-zewg kawzi kienu jinvolvu pronunzjament dwar it-titolu ta’proprjeta’ reklamat mill-atturi” stante li anke fil-kawza citazzjoni numru 124/1992 il-Qorti kienet “ghall-istess motivi spjegati fil-kawza numru 204/1994 (ossija dik li qeghdha tintalab ir-ritrattazzjoni bil-kawza odjerna) iddikjarat li l-art ma kinitx ta' l-atturi.

Illi dan ghalhekk jimporta li l-Qorti tezamina z-zewg sentenzi (li jinsabu esebiti f’dawn l-atti) stante li l-ezitu ghad-definizzjoni ta’ dina l-eccezzjoni hu interament dipendenti minnhom.

Illi ghandu jkun pacifiku li z-zewg kawzi in kwistjoni kellhom mertu differenti wahda mill-ohra ghaliex fil-waqt li l-kawza citazzjoni numru 124/1992 kienet titratta konferma ta’ mandat ta’ inibizzjoni sabiex l-attwali konvenuti jigu inibiti milli jkomplu jaghmlu xoghlijiet fir-raba “ta’ Skerla” limiti ta’ Sannat, Ghawdex, il-kawza citazzjoni numru 204/94 kienet wahda ta’ rivendika mill-atturi ta’ nofs indiviz ta’ l-imsemmija raba “ta’ Skerla”. Jigifieri waqt li z-zewg kawzi ttrattaw l-istess raba’ l-mertu u wkoll it-talbiet kienu differenti izda biss sal-punt li f’kaz ta’ ezitu negattiv ghall-atturi fil-kawza ta’ rivendika kien isegwi logikament ezitu negattiv ghalihom fil-kawza ghas-sosteniment ta’ l-inibizzjoni. Minn ezami tas-sentenzi in disamine jirrizulta li fil-fatt il-kawza citazzjoni numru 204/94 giet deciza l-ewwel u fuq l-iskorta taghha giet deciza dik bic-citazzjoni numru 124/92. Gara dak gia accennat hawn fuq li l-kawza ta’ rivendika (numru 204/94) kellha ezitu negattiv ghall-atturi u kwindi l-kawza ta’ inibizzjoni ta’ bil-fors kellha wkoll tkun negattiva ghall-atturi. Dan ifisser li meta dik il-Qorti kienet iddecidiet li l-atturi ma kienux ippruvaw it-titolu minnhom vantat fuq l-art xejn ma kien baqghalhom interess fix-xoghlijiet illi l-konvenuti riedu jwettqu fuq l-istess raba. Din il-Qorti kienet ghalhekk cahdet it-talbiet attrici ghar-rivendika bis-sentenza citazzjoni numru 204/94 u konsegwentement kienet ukoll cahdet it-

talbiet attrici biex jibqa' fis-sehh il-mandat ta' inibizzjoni bis-sentenza l-ohra citazzjoni numru 124/92.

Illi ghalhekk u fil-hsieb ta' din il-Qorti bl-ebda mod din it-tielet eccezzjoni tal-konvenuti hija gustifikata.

Tiddeciedi ghalhekk li tichad din l-eccezzjoni tal-konvenuti bl-ispejjez kontra taghhom waqt li tordna l-prosegwiment tal-kawza

(ft.) A. Micallef Trigona
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur